MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 564/2002/1

**Anna Galea f'isimha proprju, u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2002 bhala kuratrici *ad litem* ghan-nom u in rapprezentenza ta' wliedha minuri Keithien, Louiseanne, u Josefa Maria**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Mejju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut u kellha tliet itfal minghandu, li huma Keithien, Louiseanne u Josefa Maria, illi lkoll huma minuri;

Illi bhalissa l-konvenut qed ihallas alimenti ta’ sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar skond digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili;

Illi l-esponenti thoss li dan l-ammont mhux sufficjenti ghall-manteniment ta’ l-istess minuri skond il-mezzi tal-konvenut;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiffissa r-rata ta’ alimenti li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas din ir-rata lill-attrici bil-modalitajiet li jidhrilha l-istess Qorti u *occorrendo* tawtorizza lill-*employer* tieghu jhallas direttament din ir-rata lill-attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 9 tal-process;

Rat id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 10 ta’ Lulju 2001 moghti mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri (a fol. 9).

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 16 ta’ Mejju 2002 fejn talbet li tigi appuntata kuratrici *ad litem* ta’ wliedha minuri fl-atti tal-kawza u atti ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-17 ta’ Mejju 2002 fejn laqghet it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-10 t’Ottubru 2002 a fol. 17 ta-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok it-talba ghandha tigi michuda peress li din il-Qorti m'ghandhiex rati ta' manteniment x'tiffissa peress li kif ippremettiet l-istess attrici din ir-rata giet iffissata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – kwindi *se mai* trid tintalab ir-revizjoni ta' dik ir-rata. Ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, dina l-Qorti ma hix kompetenti u dan peress li tali revizjoni jew awment ghandu jintalab lill-Qorti li ordnatu, u cjoe' lis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Anke hawn l-eccipjenti ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi fil-mertu l-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar huwa idoneju fic-cirkostanzi – tenut kont li l-eccipjent irid: (i) imantni tarbija ohra miz-zwieg, (ii) il-mezzi finanzjarji tieghu huma ghal kollox limitati, u (iii) tenut kont li l-attrici tahdem jew tinsab f'eta' tant zghira li tista' tahdem u allura tikkontribwixxi hi wkoll ghall-manteniment tat-tfal. Apparti dan kollu hemm diversi cirkostanzi ohra, fosthom flejjes li tircievi mill-assistenza socjali, li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' tletin (30) gurnata kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-10 ta' Dicembru 2002 fejn talab estensjoni tat-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits tieghu, liema talba giet milqugha b'digriet tal-Qorti datat 11 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti estendiet l-istess terminu bi tletin gurnata ohra.

Rat in-noti sussegwenti tal-partijiet ipprezentati t-tnejn fl-10 ta' Dicembru 2002 fejn il-partijiet ipprezentaw l-affidavits rispettivi taghhom. Il-konvenut esebixxa wkoll xi dokumenti.

Rat in-noti tal-konvenut tat-23 ta' Dicembru 2002 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' ommu Polly Borg, u tal-14 ta' Jannar 2003 fejn esebixxa certifikat mediku dwar il-kundizzjoni ta' sahhtu.

Rat il-verbali tad-29 t'April 2003 fejn il-konvenut ipprezenta nota b'digriet tas-Sekond' Awla. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet, wara liema seduti l-provi jigu dikjarati maghluqa; tal-10 ta' Gunju 2003; tat-13 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa u tat il-fakolta' lid-difensuri jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet; tal-20 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti ordnat l-isfilz ta' l-affidavit ulterjuri tal-konvenut ipprezentat fid-9 ta' Jannar 2004 *stante* li dan gie pprezentat wara li l-istess Qorti ddikjarat il-provi maghluqa. Il-Qorti ppefiggiet terminu ta' hamsin gurnata kull wiehed lid-difensuri tal-partijiet ghall-prezentata ta' nota t'osservazzjoniet u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2004.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenut datata 19 t'Ottubru 2004.

Rat li ma nzammu l-ebda seduti quddiem l-Assistent Gudizzarju Dr. Paul Farrugia.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi huwa ammess li l-konvenut kellhu relazzjoni ma' l-attrici u minn din ir-relazzjoni l-istess koppja kellhom tliet ulied Keithien, Louiseanne u Josefa Maria ahwa Borg. L-istess relazzjoni bejn il-partijiet udenituri ta' l-istess ulied spiccat fis-sena 1998 u jidher li l-istess konvenut kien mizzewweg lil certu Monica Borg u kellhu tifla mill-istess zwieg Rodianne, li llum ghandha circa tlettax-il sena. Jahdem

ta’ gwadjan lokali u ghandu salarju ta’ tlieta u sebghin lira Maltin (Lm73) fil-gimgha, u jhallas attwalment sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar bhala manteniment ghal ulied l-attrici skond digriet tas-Sekond’ Awla datat 10 ta’ Lulju 2001.

Illi l-istess konvenut jallega li ghandu spejjez ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull sitt gimghat ghall-medicini li jrid jiehu, ihallas sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghall-karozza Mercedes, u hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar ghall-karozza ohra. Huwa jstostni li jaghti ghoxrin lira Maltin (Lm20) lil ommu bhala kumpens talli joqghod maghha. Jghid li ha l-pagamenti fuq ismu ghall-karozza li xtara huh Carmelo Borg fl-ammont ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000), izda dawn il-pagamenti attwalment jithallsu minnn ommu. Jghid li l-attrici qed tghix ma’ certu Ralph Spiteri. Huwa jhallas ukoll xi spejjez medicinali u edukattivi ghat-tifla tieghu miz-zwieg ghalkemm ma jizvelax l-ammont.

Illi l-attrici tghid li l-istess partijiet damu jghixu flimkien seba’ snin sakemm imbaghad infirdu ghaliex il-konvenut ma baqax ihallas manteniment. Tghid li l-manteniment attwali ma huwiex bizzejjed ghall-manteniment ta’ wliedha, u li hija tircievi mija u hmistax-il lira Maltin (Lm115) fix-xahar bhala assistenza socjali mill-gvern. Illi l-istess attrici jidher li pprezentat rikors fl-10 ta’ Dicembru 2001 sabiex l-istess manteniment (degretat b’digriet numru 1127/2001) jigi awmentat mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, izda l-istess rikors gie michud b’digriet datat 29 ta’ April 2002 Numru 715/2003, ghalkemm ma hemmx indikat ghaliex - (ara l-istess digrieti minn fol. 44 sa fol. 56 tal-process.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser tiddisponi mill-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qed jghid li ladarba kien hemm digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li ffissa l-manteniment f’din il-kawza kellha tintalab revizjoni ta’ l-istess rata ta’ mateniment. Din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni hija kompletament bla bazi, ghaliex anke kieku l-konvenut huwa korrett dwar il-mod kif kellha ssir it-talba,

din certament ma' tista' qatt twassal ghall-annullament tat-talba attrici. Illi apparti dan jidher car li l-istess attrici qed titlob awment superjuri ghal dak degretat mid-digriet ta' l-imsemmi Qorti, u certament dan fih innifsu jammonta ghal talba ghar-revizjoni ta' l-istess.

Illi t-tieni eccezzjoni hija li din il-Qorti mhux kompetenti ghax it-talba ghall-awment ta' tali manteniment kellha skond l-konvenut issir quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni hija kompletament bla bazi *stante* li ma hemm l-ebda dubju li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili li kellha l-kompetenza u gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni ta' talbiet ta' natura civili, u dan qabel ukoll l-introduzzjoni tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, kif introdotta bir-regolamenti tas-sena 2003. Kienet ukoll fiz-zmien li giet intavolata l-kawza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili li a bazi ta' l-**artikolu 32 tal-Kap 12** li kellha u ghandha kompetenza sabiex tddeciedi tali tabiet. Fil-fatt anke hekk hija s-sitwazzjoni llum, ghalkemm bl-istess regolamenti tas-sena 2003 giet introdotta llum ir-riferiment ghall-medjazzjoni anke f'kazi bhal dawk odjerni fejn ma hemmx kazijiet ta' mizzewgin u mhux qed tintalab l-awtorizzazzjoni ta' separazzjoni. Ghalhekk a bazi tal-premess l-azzjoni attrici kellha attwalment issir permezz ta' kawza odjerna quddiem din il-Qorti, li hija l-Qorti li ghandha kompetenza sabiex tisma' dawn il-kazi. In verita' id-dispozizzjonijiet dwar dak li kienet is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili nkluzi l-**artikolu 470 u l-artikolu tal-Kap 12** (qabel ma dahlu r-regolamenti tas-sena 2003) ma jghidu xejn dwar il-kompetenza ta' l-istess Qorti tas-Sekond' Awla ghall-kazi ta' fissazzjoni ta' manteniment ghall-minuri f'kazi ta' ulied ta' genituri mhux mizzewgin. F'dan il-kuntest huwa nteressanti li l-istess konvenut fir-risposta tieghu datata 11 ta' April 2002 ghar-rikors ta' l-attrici ghall-awment ta' manteniment datat 10 ta' Diecmbru 2001 maghmul quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, jghid li dik il-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tisma' t-talba attrici. Mela allura skond il-konvenut ma hemm l-ebda Qorti Civili li hija kompetenti u certament dan juri t-tattika li qed juza l-konvenut f'din il-kawza. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi kwantu ghall-mertu jirrizulta li mill-impjieg tieghu l-konvenut ghandu mitejn u tnejn u disghin lira Maltin (Lm292) bhala paga bazika tieghu bhala gwardjan, u dan zgur li kienet il-pozizzjoni fis-sena 2002 meta xehed. Jidher li l-istess konvenut qed jghid li b'xi mod qed imantni lil bintu l-ohra miz-zwieg li kellu ma' Monica Borg, pero' f'dan il-kuntest l-istess konvenut kien ferm evasiv u ma gab l-ebda prova sabiex tindika dan b'mod preciz. Huwa jzid jghid li ghandu wkoll hlasijiet mensili ta' zewg karozzi li jammontaw ghal cirka mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar, dwar liema ma ingabu l-ebda dokumenti. Pero' jirrizulta li l-istess konvenut ghandu proprjeta' mobbli ta' certu valur. Lanqas ma ngabet ebda rcevuta ta' l-ispejjez dwar il-medicinali li allegatament jiehu.

Illi min-naha l-ohra ma jistax jinghad li l-attrici ressqet xi kwantita' ta' provi, ghalkemm ironikament fl-atti tad-Digriet 715/2003 li kopja tieghu giet esebita mill-konvenut stess tidher lista ta' spejjez li hi taghmel regolarment. Ma hemm l-bda dubju li tali lista (a fol. 46 u 47) hija wahda ragonevoli u verosimili, anke jekk wiehed jikkonsidra li din saret fis-sena 2001, u lahqet l-ammont ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm262.89) fix-xahar. Din il-Qorti ma ha tizvela l-ebda sigriet meta tghid li minn dak iz-zmien ghall-lum certament li l-ispejjez kibru, mhux l-anqas ghaliex it-tfal kibru wkoll.

Ili tenut kont ta' l-**artikolu 20 tal-Kap 16 u 93 u 95 tal-Kap 16** din il-Qorti tafferma li ma hemm l-ebda dubju li z-zewg ginituri ghandhom id-dmir li jipprovdu ghall-manteniment ta' wliedhom. Ma hemm lanqas l-ebda dubju, u dan minkejja dak li qed jghid l-konvenut, li l-istess attrici qed terfa' l-piz principali tat-trobbija u ta' manteniment ta' l-istess ulied, ghaliex jekk jigi kkonsidrat li l-konvenut kulma qed jikkontribwixxi ghall-istess ulied sa llum hija s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar, l-attrici zgur li qed tikkontribwixxi hafna aktar mill-istess somma ghall-manteniment ta' l-istess tfal. Dan minghajr ma wiehed jikkonsidra li effettivament l-istess ulied jghixu ma' l-omm, u allura jirrikorru ghandha ghal kull bzonn, minkejja li hija tghid li tghix biss bl-ghajnuna socjali.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti thoss li ghalkemm ma hemm l-ebda soluzzjoni ohra hlief li l-omm tibqa’ tikkontribwixxi maggorment ghall-mantement ta’ l-istess ulied, anke peress li minn mindu twieldu dejjem ghexu maghha, u li sa llum dejjem ghamlet *fronte* ghall-bzonnijiet kollha taghhom. Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li l-kontribuzzjoni tal-missier ghall-manteniment ghall-istess tliet minuri ghandu jkun ta’ mitt lira Maltin fix-xahar (Lm33.33 ghall kull wild), liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tieghu mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ wliedha fir-residenza taghha, u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u kull xahar bil-quddiem. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* ta’ l-istess konvenut, sabiex dan jaderixxi ruhu ma’ l-istess ordni hawn moghtija.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:

(1) Tiffissa r-rata ta’ alimenti ta’ mitt lira (Lm100) fix-xahar (Lm33.33 ghal kull wild) li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala l-kontribuzzjoni tieghu bhala missier tal-minuri Keithien, Louiseanne u Josefa Maria Borg bhala manteniment ghall-istess tliet minuri. Dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ wliedha fir-residenza taghha, u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u kull xahar bil-quddiem. Ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* ta’ l-istess konvenut, sabiex dan jaderixxi ruhu ma’ l-istess ordni hawn moghtija.

(2) Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-kontribuzzjoni bhala missier ghall-manteniment tal-minuri Keithien, Louiseanne u Josefa Maria Borg u bhala

manteniment ghall-istess tliet minuri l-ammont ta’ mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar (Lm33.33 ghal kul wild), u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta’ l-istess attrici. Din il-Qorti tordna wkoll li tali ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ wliedha fir-residenza taghha, u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u kull xahar bil-quddiem.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------